**KUNSILL LOKALI NADUR**

**Minuti tat-tlieta u ghoxrin (23) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**It-Tlieta, 20 ta' Settembru, 2016, fil-4.30 pm**

---

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

Skuzati

| | |
|---|---|
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Minuti.**

Il-minuti tat-Tnejn u għoxrin (22) laqgħa, tal-Ħamis, 11 ta' Awissu, tat-tmien (8) Kunsill Lokali ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**3. Korrispondenza:**

(5596) Cirkulari Numru 14/2016 dwar Procurement Policy Notes

(5597) Cirkulari Numru 12/2016 dwar Petizzjonijiet dwar Kontravenzjonijiet

(5598) Cirkulari Numru 13/2016 dwar Skart tal-WEEE trasferit fis-Civic Amenity Sites

(5599) Talba mingħand Amanda Bezzina għal-post fejn jinfetaħ Child Care Centre fin-Nadur

(5600) Cirkulari Numru 15/2016 dwar ħatra ta' Segretarju gdid u l-Importanza li jkun hem handover u audit

(5601) Cirkulari 44/2016 dwar rikjesta għal gemellagg ma Cimini u Tuscia fl-Italja

(5602) Cirkulari Numru 16/2016 dwar ħatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv

(5603) E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern lokali dwar European Week for Waste Reduction

(5604) Axis 4 – Measure 413.4 – Landscaping (2nd Call)

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(5605) Kwotazzjoni mingħand l-Ing. Renzo Curmi għal arblu tad-dawl u bozza fi Triq ta' Xhajma. Din ġiet diskussa u l-Kunsill qabel li s-Segretarja tiċċekja eżatt kif se niġbru l-flus lura mingħand l-insurance qabel nipproċedu.

(5606) Ittra mingħand Dr.Marsette Xerri li qed tirraprezenta lil Laurence Borg dwar it-Tender ta' Gnien il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jitnaqqas l-ammont ta' 40 euro mil-kontijiet pendenti peress li tħallas persuna oħra għat-tindif waqt il-Wine Fesival. Is-Sindku nnota li l-kuntrattur gie informat biex inaddaf il-latrina u dan ma sarx u kellu jitqabbad persuna oħra dak il-ħin.

(5607) E-mail mingħand il-Gozo Action Group dwar laqgħa li ser isir biex jigi diskuss il-Local government Strategy for gozo

(5608) E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar laqgħa li ser issir fit-12 ta' Settembru dwar il-Proceduri ġodda tal-Planning Authority

(5609) Cirkulari Numru 32/2016 dwar Cense Competition

(5610) E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Partecipazzjoni fil- European week of Regions and Cities 2016

(5611) Cirkulari Numru 18/2016 dwar Ordnijiet Permanenti li fuqhom għandhom jitmexxew il-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali

(5612) Cirkulari 46/2016 dwar Collaboration between Transport Malta, Ministry for transport and Infrastructure and Local Councils Association

(5613) Cirkulari Numru 17/2016 dwar Nuqqas ta Attendenza ghal-Laqghat minn Membri u Kunsillieri

(5614) Cirkulari Numru 8/2016 dwar Inizjattiva Finanzjarja favor il-Komunita – Librerji Lokali/Regjonali

(5615) Cirkulari Numru 19/2016 dwar Shubija fil-Local Action Groups (LAGs)

(5616) Talba mingħand l-Arcipriet Jimmy Xerri biex il-Kunsill jordna xi kotba li se jigu ppublikati f'Gunju b'informazzjoni relatata mal-knisja. Is-Segretarja ser tara fuq prezz u lingwa tal-ktieb u tinforma lil kunsilliera b'dan.

(5617) Ittra mit-Tribunal ta' Revizjoni ta' L-Ambjent u l-Ippjanar dwar proposta għal spazju riservat għal vettura minn fejn jinkrew deckchairs u umbrelell

(5618) Memo 24/2016 Re: It-Tilqima tal-Influwenza

(5619) Cirkulari Numru 23/2016/ 23A/2016 dwar Servizzi Provduti mill-MITA lill-Kunsilli Lokali

(5620) Cirkulari no. 24/2016 dwar Inizjattiva ta' Tahrig dwar Stress Management

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(5621) Cirkulari no. 21/2016 dwar Konvenzjoni dwar il-Qasam Sojali fil-Komunita u l-programm ta' taħrig għaqal id-dar, ħajja aħjar.

(5622) Cirkulari no. 22/2016 dwar Tqegħid jew Depozitu ta' Stekkat (Boundary walls)

(5623) Cirkulari no.20/2016 dwar Inizjattiva Finanjarja għal Kumitati Regjonali

(5624) Cirkulari no. AKL 50/2016 dwar premju wasalt b'ħilti

(5625) PQ no 27423

(5626) Ittra minghand LCA dwar mapping plan for new EV charging infrastructure. Il-Kunsilliera qablu fuq Triq il-Madonna ta' Fatima, Triq David Cocco Palmeri u Triq Ghajn Qasab.

(5627) Ittra mingħand DLG rigward partecipazzjoni fil-European Week of Regions and Citis 2016.

**4. Approvazzjoni ta' Pagamenti.**

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Is-Sindku Edward Said innota xi pagamenti oħrajn li ser jiżdiedu mal-iskeda li huma 10,000ewro lil Gatt, 5,000 Ewro lil Road Construction u George Grech li ser ikollna pagament mingħand dak li għamel il-ħsara direttament lil Kunsill.

Is-Sindku u Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud approvaw l-iskeda kollha kemm hi. Il-kunsillier Michael Camilleri astjena milli japprova l-pagamenti.

**5. Jum il-Kunsill 2016**

Is-Sindku nnota li San Koronatu ser jaħbat fit-13 ta' Novembru. Hu kompla jinforma lil Kunsilliera prezenti bil-programm ta'attivitajiet għal Jum il-Kunsill 2016 li huma:-

- Blood Donation li ser tinzamm fis-6 ta' Novembru u l-poster lesta minn Paul Mercieca.
- Is-Sibt, 12 ta' Novembru – Kunċert mill-Banda u s-Serata Ġieh in-Nadur fejn wara jsir riċeviment fil-Kazin stess. Is-Sindku ippropona li din is-sena jingħata Ġieh in-Nadur lil zgħazugħ Charlton Debono li kull weekend prattikament qed jagħmel unur lir-raħalna bl-atletika. Hu kompla jgħid li s-sena l-oħra anke rebaħ in-Nadur 8K. Charlton Debono rrapprezenta lil Malta wkoll fuq livell internazzjonali fil-Kampjonat ta' Small States of Europe. Hu ssuġġerixxa li jingħata ukoll rikonoxximenti lil Gemma Zammit

tax-xogħol tagħha fid-Day Centre tal-Anzjani u lil Maria Attard tar-rekords li qed tikseb il-Librerija tan-Nadur fl-aħħar snin. Il-Kunsill qabel fuq dan.

- It-Tnejn, 14 ta' Novembru – Esibizzjoni fis-Sala tal-Kunsill minn Assoccazzjoni Sciuti – Zafferana. Is-Sindku ssuġġerixxa li tinfetaħ mis-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo u jinħargu l-inviti. Hu kompla jissuġġerixxi li jkun hemm riċeviment u ikla mal-Kunsilliera. Kien hemm qbil fuq dan.
- L-Erbgħa, 16 ta' Novembru – Tournament tal-U13. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jipprovdi midalji u tazzi u ilma. Kien hemm qbil fuq dan.
- Il-Ħamis, 17 ta' Novembru – Ħarga Anzjani.
- Il-Gimgħa, 18 ta' Novembru – Night Hike.
- Is-Sibt, 19 ta' Novembru – attivita' fil-Pjazza. Il-Kunsillier Micheal Camilleri ser jara fuq band u jitkellem mas-Sindku.
- Il-Hadd, 20 ta' Novembru – Quddiesa ta' Jum il-Kunsill fid-9.15am, Maratona Nadur 8K u sports day fil-muzew tas-subien wara s-2:00p.m. Is-Sindku nnota li hemm grupp jaħdem fuq il-maratona u l-attivita ser tkun b'rizq Puttinu Cares. Hu kompla jgħid li l-Kunsill qed jaħseb għal insurance u health and safety report ma Galea & Curmi Eng. Il-Kunsill qabel fuq dan ukoll.

Il-Kunsilliera prezenti qablu ma' dan il-program kollu kemm hu.

## 6. Halloween 2016

Din l-attivita' ser tkun fid-29 ta' Ottubru. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li t-Trick or Treat jibda wara 4.30pm. u wara 7.30pm tibda l-attivita' fil-Pjazza. Hu kompla jghid li ser ikun hemm stage ghal band Upper Lip u DJ li ser jibda mis-7.30pm. Din is-sena mhux ser issir haunted house peress li tirrikjedi hafna xoghol u ma tigix gawduta minn kulhadd. Is-Sindku nnota li ser issir Witch House min Peter Azzopardi u Rupert Grech. Is-Sindku kompla jghid li ser ikun hemm dawl kulurit fil Pjazza u Triq Dicembru Tlettax minn D Illumination u Sound minn Jason Mizzi. Dawn ser jingħataw b'direct order peress li ma jaqbzux l-ammont kif stipulat fil-ligi. Ser ikun hemm animators matul l-attivita' kif ukoll pumpkins minn Charlie Camilleri. Is-Sindku nforma ukoll li ser jinfetaħ is-Shelter għall Pubbliku. Il-Kunsilliera prezenti qablu ma dan kollu.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**7. Open Skips Xurdin**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill għandu quddiemu sitwazzjoni serja ħafna peress li qed ikun hemm abbuz qawwi f'dak li qed jintrema fl-iskips, rimi fl-inħawi fi granet li ma hemmx skips, numru ta' skips dejjem jizdied minkejja li Kunsill naqqas gurnata u nies minn kull parti ta' Għawdex jarmu fl-inħawi. Is-Sindku kompla jgħid li c-cirkustanzi li qed jaffacja l-Kunsill hija gravi peress li qed ikun hemm ħafna ilmenti minn nies li jgawdu l-area minħabba ħmieg, Kunsilli Lokali oħra waqqfuhom u l-Kunsill tagħna  qed jilqgħa ħmieg tal-irħula, ic-Civic Amenity Site issa gie bil-ħlas għal vannijiet u vetturi kummercjali u spiza fuq dan dejjem qegħda tizdied.

Fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku ppropona u ressaq mozzjoni li jitwaqqaf dan is-servizz b'effett mil-1 ta' Novembru 2016 abbazi tal-fatt li open skips fl-aħħar snin tneħħew minn kwazi l lokalitajiet kollha, aktar ma bdew jitneħħew aktar beda jintuza is-Civic Amenity Site u Skips ta Xurdin, ic-Civic Amenity site issa gie bil-ħlas u allura dan ser iwassal biex aħna jizdiedilna l-abbuz u skart. Hu kompla jgħid li f dawn l-iskips qed jintrema minn kollox u li illum l-gurnata l-iskart irid jigi separat anke fl-iskips.

Is-Sindku ppropona ukoll li jkun hemm ħaddiem fl-aħħar ħmistax fuq il-post iqassam flyer, titwaħħal tabella kbira li tavza x'ser jigri, Ikun hemm ħaddiem  fl-inħawi fl-ewwel ħmistax wara li jieqaf is-servizz, Jitqabbad green warden mal-ewwel problemi u idur fl-inħawi u inħawi oħrajn minn zmien għal ieħor u titqassam flyer tajba fid-djar kollha tispjega il-fatti kollha. Is-Sindku nforma ukoll lil Kunsilliera li l-Kunsill irċieva proposta minghand kumpanija li tipprovdi CCTV temporanja għal sena bi prezz ta' 69euro fix-xahar ul-Kunsill irrid jaħseb għal supply tad-dawl jew inkella huma igibu s-solar supply.

Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud ma qablitx biss fuq il-fatt li jitpoġġa ħaddiem fuq il-post wara li jinqatgħa s-servizz peress li jista jagħmel xoghol aktar utli madwar ir-raħal. Hi kompliet tgħid li jkun wisq aħjar li titpoġġa CCTV minflok ħaddiem.

Kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha fuq dan kollu u il-proposta/mozzjoni għaddiet unanimament .

**6. Quarterly Financial Report – April sa Gunju 2016:**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li bhal ma wiegħed, qed nkunu dejjem updated mal-quarterly reports u hekk kulhadd ikun jaf f'hiex qegħdin. Is-Sindku spjega fid-dettal il-Quarterly Financial Report lil Kunsilliera prezenti. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud staqsiet rigward l-figuri tas-Servizzi lil Komunita. Is-Segretarja ser titlob spjegazzjoni lil Accountant tal-Kunsill u jiġu

ikkupjati l-Kunsilliera fl-e-mail. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Dawn kienu xi punti li spjega s-Sindku bħala analiż tal-quarterly report:

- Total ta' Dħul fit-tieni kwart tas-sena kien aktar mill-Estimi.
- Total ta' Dħul fl-ewwel nofs tas-sena kien kważi l-istess bħall Estimi.
- Fejn tidħol nefqa, dawk l-allokazzjonijiet li l-aktar li nqabżu mill-Estimi huma fejn jidħlu pagi lill-impjegati, sħubija f'għaqdiet internazzjonali u oħrajn, u spejjeż tal-uffiċju. L-aktar li kienu nqas mill-estimi huma Servizzi bħal dawl u ilma u telefon, Tiswijiet u Manutenzjoni, Safar u Vjaġġar, Tagħrif lil Pubbliku, Spejjeż Professjonali u Ospitalita u Servizzi lil Kommunita.
- Allura fit-tieni kwart tas-sena, it-total tan-nefqa kien l-istess bħal estimi, filwaqt li fl-ewwel nofs tas-sena, meta tinkludi xi infieq kapitali zgħir, id-differenza hija ta' madwar 20 elf ewro aktar mill-estimi.
- Meta tikkonsolida, fit-tieni kwart tas-sena kellna bilanc posittiv ta' aktar mill-estimi – kważi 10 elef ewro, filwat li fl-ewwel nofs tas-sena kellna bilanc posittiv pero anqas mill-estimi bi kwazi 20 elf ewro.
- L-indikatur finanzjarju meta mahdum fuq cash balances qieghed posittiv b'10%, filwaqt dak mahdum fuq current assets u liabilities qieghed stabbli ezatt bhal ma ghalaqna is-sena.

## 9. Affarijiet Oħra

I. **Pjazza:** Is-Sindku spjega lil Kunsilliera li kellu diskussjonijiet kbar mal-perit rigward it-tables and chairs tal-Pjazza u li l-problema hi li l-Mepa ma laqetx l-ewwel disinn. Hu kompla jghid li kellhom jerġgħu jahsbu f'disinn ieħor li jikkumplimenta id-disinn tal-pavimentar. Is-Sindku nnota ukoll li zgur li qatt ma jista jkun li kulhadd ikun kuntent u rridu nifhmu li wara kollox aħna ma nistgħu nweghdu l-ebda spazju lil ebda stabbiliment. Huma huma li jridu jistinkaw għalih wara li ahna nhejju t-triq permezz tal-master plan. Is-Sindku zied jgħid li mingħajr dan il-pjan pero ibagħtu hafna biex qatt ikollhom il-permessi. Il-Kunsilliera qablu li mmexxu bid-disinn il-ġdid għax inkella ser neħlu.

II. **Pagament ta' 55K bħala refund lil ARPA** – Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill ga ħallas lura 7 elef ewro mill-fondi li kien hemm fil-kontijiet tal-mizuri li ma ntuzawx. Il-Kunsill għandu jircievi 40 elf din is-sena u 50 elf is-sena li gejja mil-fond tal-Progetti Kapitali. Qed nistennew 25 elf Ewro co-financing sabiex jgħaddu mal-ewwel bhala refund lil ARPA. Ser nħallsu id-differenza f'installments fix-xhur li gejjin. Is-Sindku nforma ukoll lil

Kunsilliera li sa dan it-tant qed inhallsu ftit imaxx fuq l-ammont ta' refund pendenti sa meta jitħallas kollu. Il-Kunsill qabel ma dan kollu.

III. **Planters:** Is-Sindku nnota li l-Perit qed jahdem fuq tigdid tat-tender biex jiġu bil-materjal WPC li jirrezistu aktar għall-elementi u dan ghandu ikun lest sal-laqgha li jmiss.

IV. **Harga Anzjani:** Kien hemm qbil li din il-ħarga issir it-Tnejn, 10 t'Ottubru u jzuru l-Katidral t'Ghawdex fost l-oħrajn.

V. **Rivista Hidmietna F'Isimkom** – Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li qed jaħdmu fuqha sabiex toħrog f'Ottubru u jigu rreklamati l-attivitajiet tal-Halloween, Jum il-Kunsill u Milied. Kien hemm qbil fuq dan ukoll.

VI. **Stat Toroq Centrali** - Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li bhalissa għandna ħafna complaints fuq l-istat tat-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabilita tal-Gvern Centrali, fosthom Triq Għajn Qasab, Triq l-Imġarr, Triq it-Tigrija u Triq il-Qala, u parti minn Ta' Xhajma. Is-Sindku talab qbil mill-Kunsilliera biex niktbu b'mod uffiċjali lil Ministeru għal Għawdex u lil OPM dwar dan, b'ritratti ta' dan kollu, u nispjegaw li s-sitwazzjoni issa hija inaċċettabli, għax lanqas patching ma qed jingħata. Is-Sindku kompla jgħid li jekk dan ma jsirx allura imbagħad din tiġi spjegata lir-residenti b'mod pubbliku. Il-Kunsilliera qablu fuq dan kollu.

VII. **Triq Bingemma** - Is-Sindku talab biex fix-xhur li gejjin tingabar stima sabiex jinbena ħajt madwar l-area ta' Triq Bingemma li hi devoluta lil Kunsill sabiex ma tibqax tintuza għall iskart u scrapyard, u jigi offrut spazju biex jinħadmu karrijiet fil-Karnival jekk ikun hemm bzonn minn tan-nadur. Kien hemm qbil fuq dan.

VIII. **Milied** - Is-Sindku nnota li l-exhibition tal-Presepji din is-sena ser tinzamm f'Dar Frangisk Grima peress li bnew zewg presepji li ma jistghux jiccaqilqu. Ser tiġi inawgurata fl-istess gurnata li jinfetaħ il-presepju haj fit-13 ta' Dicembru. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jipprovdi dawl mal-faċċata, riceviment zghir wara u inviti ufficjali, kif ukoll xi spejjez materjali għal presepju haj. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Sindku informa lil Kunsilliera ukoll li l-Christmas Market (open street market) ser jinzamm fit-8 ta' Settembru (il-Hamis), minflok l-Erbgħa u t-tizjin tat-toroq ser jiġi armat bhas-sena li għaddiet u jinħargu kwotazzjoni bis-sistema e-system. Il-Kunsill qabel ma dan ukoll.

IX. **Talba minn Gozo Youth Wind Band & Orchestra** - Is-Sindku ppropona li din l-attivita' titella' bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill Lokali u jingħata għajnuna ta' 300ewro, ngħinu fit-tqassim tal-fliers man-Nadur u ħwienet, ikun hemm logo tal-kunsill li qegħda ssir bil-kollaborazzjoni, u anke ikollna numru ta inviti li jistgħa joħrog il-Kunsill u seating għal kunsilliera. Il-Kunsilliera prezenti qablu ma dan.

X. **PC u laptop ghal Kunsill** - Is-Sindku nnota li s-Segretarja gibdet l-attenzjoni li hemm bzonn ta' PC gdid fl-uffiċċju tagħha peress li mhux jaħdem sew u anke laptop għal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu fuq dan. Dawn ser jinxtraw mingħand Scan Malta.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

XI. **Ghajnuna ghal Rizorsi tan-Nursery tan-Nadur** – Is-Sindku ppropona kollaborazzjoni fil-ħidma tan-Nursery, f'materjal ta' 200ewro għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel ma dan.

XII. **Erasmus Programme:** Is-Sindku nnota li ser jintbgħatu 6 zgħazagħ ma 2 leaders li huma-Peter Paul Buttigieg, Ines Buttigieg, Ruth Said, Michelle Anne Camilleri, Paul Mercieca, Peter Paul Azzopardi, Marc Finger u Peter Muscat. Is-Sindku kompla jgħid li ser jirċievu 170euro refund tal flight. Is-Sindku ppropona li nħallsu d-differenza. Il-Kunsill qabel fuq dan.

XIII. **Eden Meeting** – Din ser tkun l-Erbgħa 26 ta' Ottubru. Kien hemm qbil li jattendi s-Sindku u l-kunsillier Micheal Camilleri għal din il-laqgħa.

XIV. **Requests:**

- Ħajt mwaqqa taħt Triq f'ta Xhajma biex jitranga.
- Talba biex jitnaddaf l-gandott fi Triq Dahlet Qorrot. Kien hemm qbil li jitnaddaf bil-bobcat.
- Tiswija tas-solar bulbs tar-residenti li joqodu r-Ramla fuq. Is-Sindku nnota li dawn spiccawlom l-batteries u ingabru zewg kwotazzjonijiet biex tingħazel waħda minnhom. Waħda minnhom dik ta' 287 ewro kull batterija, b'sentejn garanzija, u din hija batterija tal-pannelli proprja. L-oħra dik ta 106 ewro kull batterija, minghajr garanzija, u ma hiex proprja tal-pannelli. Il-Kunsill qabel ma' dik ta' 287 ewro kull batterija mingħand Econetique.
- Talba għal double yellow Line fi Triq Grunju minħabba access għal għalqa.
- Talba għal double yellow Line fi Triq Dun Guzepp Vella – kemm toħrog mill-garage.
- Talba għal double yellow Line quddiem 63, Triq Duru.
- Knis ta' zrar fi Triq ir-Ramla. Kien hemm qbil li jitnaddaf minn Joseph Magro.
- Patching f'numru ta' Toroq.
- Talba għal bankina biex tinbidel tar-residenti Portelli fi Triq San Blas.
- Talba għal bankina ġdida tar-residenti Grima fi Triq Grunju. Din għandna ninfurmaw lil Gvern biex jagħmilha.
- Talba għal bankina biex titneħħa rampa u ssir ġdida tar-residenti Camilleri fi Triq Daħlet Qorrot.
- Konok mas-sigar bil-makkinarju – Sigar ta' Bordin.
- Tikhil ta' ħajt fi Triq tax-Xini għax qed fi stat ħazin ħafna.
- Talba għal Rampa fi Triq San Gwann tar-residenti Portelli.
- Talba mingħand il-Kunsillier Micheal Camilleri biex jitneħħa cement fi Triq San Koronatu.

- Talba mingħand il-Kunsillier Micheal Camilleri biex tinħasel il-Pjazza Dun Martin Camilleri. Is-Sindku nnota li din inħaslet il-gimgħa l-oħra.
- Talba minghand Joanne Cauchi rigward bozza fil-limiti tan-Nadur (Ta' Xhajma). Is-Sindku nnota talbiet ghal bozzoz fir-raba mhux qed issiru minn naha tal-Kunsill għax dawn joħolqu preċedent f'areas oħra l'bogħod mir-residenzi li ma hemmx dawl, bħal toroq fil-widien. Hu kompla jghid li qed issiru talbiet fejn hemm djar u residenti.

Il-Kunsilliera qablu fuq dawn ir-requests kollha.

**10. Data għall-laqgħa oħra**

Il-laqgħa spiċċat fis-6.00p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 17 ta' Ottubru 2016, fil-5.15p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva